MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 78/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Cuschieri**
**Geranzio Cuschieri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali kontra l-imsemmijin Anthony Cuschieri, detentur tal-karta tal-identita` numru 328349(M), u Geranzio Cuschieri, detentur tal-karta tal-identita` numru 466450(M), talli fit-28 ta’ April 2011 u fi ġranet ta’ qabel fil-limiti tal-Ħlas f’Ħal-Qormi:

(1) bla ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi iżda biex jeżercitaw jedd li jippretendu li għandhom għalqu

bieb biex ma jhallux lil George Cuschieri aċċess fil-post, ħadu grada li kienet ġewwa ġo kamra u gwardarobba li kienet ġol-istess kamra;

(2) fl-istess okkażjoni għamlu ħsara f’xi siġar u ħxejjex għad-detriment ta’ George Cuschieri;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-7 ta’ Frar 2012 li permezz tagħha, wara li rat l-artikoli 85 u 325 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmijin Anthony Cuschieri u Geranzio Cuschieri ħatja ta’ l-ewwel imputazzjoni u kkundannathom għal terminu ta’ xahar priġunerija sospiż għal sentejn ai termini ta’ l-art. 28A tal-Kap. 9. Ma sabithomx ħatja tat-tieni imputazzjoni u lliberathom minnha;

**3.** Rat ir-rikors ta’ l-imsemmijin Anthony Cuschieri u Geranzio Cuschieri ppreżentat fis-17 ta’ Frar 2012 li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma li l-appellanti huma liberati mit-tieni imputazzjoni, tħassar, tannulla u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabithom ħatja ta’ l-ewwel imputazzjoni u tilliberahom u fin-nuqqas tapplika piena li tkun wahda anqas onoruża;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji tal-appellanti jikkonsistu fis-segwenti:

“1. Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti għaliex fiċ-ċirkostanzi ma kienx hemm l-elementi rikjesti mil-liġi biex l-appellanti jiġu misjuba ħatja ta’ *ragion fattasi*;
“2. Illi ma jirriżultax mill-provi li l-appellanti ħadu grada u gwardarobba kif inhuma akkużati fl-ewwel imputazzjoni;
“3. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ aggravji żgur li l-appellanti Geranzio Cuschieri ma kellu b’mod assolut xejn x’jaqsam mal-bdil taċ-ċavetta tal-kamra in kwistjoni u li għalhekk qatt ma seta jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni;

“4. Illi qed isir aggravju wkoll fuq il-piena stante li l-applikazzjoni ta’ xahar priġunerija sospiż għal sentejn taħt l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta huwa wieħed onoruż ħafna fiċ-ċirkostanzi tal-każ meta jidher ċar li l-appellanti kienu vittmi fuq kollox tal-aġir irresponsabbli ta’ ħuhom il-kwerelanti George Cuschieri.”

**6.** L-ewwelnett jiġi osservat illi l-appellanti u ħuhom George Cuschieri kienu ko-pussessuri ta’ kamra f’għalqa fil-limiti ta’ Tal-Ħlas. George Cuschieri jallega li ħutu biddlu s-serratura u ħadulu xi oġġetti minn ġo din il-kamra. M’hemm l-ebda dubju illi George Cuschieri seta’ jitlob lill-Pulizija jipproċedu kontra l-appellanti talli allegatament ikkommettew ir-reat ta’ *ragion fattasi*. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Georgina Gauci**, 7 ta’ Jannar 1998, Vol. LXXXII.iv.76 intqal testwalment hekk:

**“Il-ko-possessuri ta’ oggett ghandhom – sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita` kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod iehor fil-ligi – drittijiet ta’ tgawdija ndaqs fuq dak l-oggett. L-istess jinghad ghall-koproprjetarju jista’ jinqeda bil-hwejjeg in komun, dan ma jistax jaghmlu ‘b’mod li ma jhallix lill-koproprjetarji l-ohra jinqdew biha in komun skond il-jeddijiet taghhom’. Ovvjament hemm certi oggetti li ma jistghux jitgawdew jew jigu uzati mill-ko-pussessuri jew mill-koproprjetarji <u>kontemporanjament</u>; il-ko-pussessuri jew koproprjetarji ta’ pinna ma jistghux jiktbu biha lkoll f’daqqa! Fil-kaz tal-pussess – ghax l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali jittutela l-pussess u mhux il-proprjeta` – dak li hu mehtieg hu li ko-pussessuri jaghmlu, kull wiehed minnhom, uzu ragonevoli mill-oggett b’mod li ma jkunx jista’ jinghad li wiehed qed jippriva lill-iehor mit-tgawdija ragonevoli ta’ dak l-oggett.”**

**7.** Din il-Qorti semgħet il-provi mill-ġdid u eżaminat l-atti kollha tal-każ u waslet għall-konklużjoni li Geranzio Cuschieri ma setax jinstab ħati ta’ l-ewwel imputazzjoni addebitata lilu peress illi, għajr id-dikjarazzjoni ta’ George Cuschieri li interess kellhom ħutu ż-żewġ appellanti,

m’hemm l-ebda prova illi tindika li l-istess Geranzio Cuschieri kellu sehem fir-*ragion fattasi* allegat f’dik l-imputazzjoni. Jista’ jkun hemm suspett, iżda ċertament m’hemm l-ebda prova, la diretta u lanqas ċirkostanzjali.

**8.** Fix-xiehda tiegħu George Cuschieri jgħid illi hu ma ra lil ħadd ibiddel is-serratura fil-bieb tal-kamra li kienet tintuża mit-tliet aħwa, u waħħal fiż-żewġ ħutu għax huma għandhom interess. Fir-rikors ta’ appell, pero`, l-appellant Anthony Cuschieri jammetti li kien hu li għamel serratura u ċavetta, u dan biex ma jintmiss xejn mill-kamra. George Cuschieri xehed ukoll illi hu ra lil Anthony Cuschieri jieħu x-xatba flimkien ma’ Pawlu Micallef. Mela mill-ġdid hawn ma jirriżultax illi Geranzio Cuschieri kien involut. L-imputazzjoni tgħid ukoll illi ħadu gwardarobba, iżda ta’ dan m’hemm l-ebda prova.

**8.** Ix-xiehda bl-affidavit ta’ W.P.C. 39 S. Fenech ma titfax wisq dawl fuq il-kwistjoni peress illi fiha hija tgħid biss x’marru jirrapportaw George Cuschieri u martu (li ma ġietx prodotta bħala xhud) u Christopher Cuschieri (li meta xehed quddiem din il-Qorti ma ftakar xejn). Inoltre r-rapport tal-Pulizija (PIRS report) u l-kontenut tiegħu ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament u għalhekk ma jistax jiġi kkunsidrat.

**9.** Kwantu għall-piena din il-Qorti hija tal-fehma li jrid ikun hemm ċerta proporzjonalita` bejn l-aġir tal-ħati u l-piena. Imbagħad hawn si tratta ta’ aħwa li sfortunatament ma għarfux isibu s-soluzzjoni tal-problemi ta’ bejniethom b’mod amikevoli. Għalhekk sentenza ta’ priġunerija (għalkemm sospiża) mhijiex indikata u din il-Qorti sejra tuża d-diskrezzjoni li għaliha jipprovdi l-*proviso* ta’ l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex tinfliġġi l-piena tal-multa.

**9.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Geranzio Cuschieri ħati ta’ l-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux ħati ta’ dik l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah kif ukoll tilliberah mill-piena nflitta; tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Anthony

Cuschieri ħati talli neħħa gwardarobba iżda tikkonferma s-sejbien ta’ ħtija fil-konfront tiegħu fil-bqija ta’ l-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant Anthony Cuschieri xahar priġunerija sospiż għal sentejn ai termini ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u minflok tikkundannah għall-hlas ta’ multa ta’ mitejn u ħamsin euro (€250).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------